QORTI KRIMINALI

ONOR. IMHALLEF DR. EDWINA GRIMA LL.D.

**Att ta' Akkuza Nru: 28/2013**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Edward Arthur Story**

**Illum 06 ta' Jannar, 2016,**

Il-Qorti,

Rat l-att ta' akkuza bin-numru 28 tas-sena 2013, migjub kontra l-imsemmi Edward Arthur Story, detentur tal-karta tal-identita' Pollakka bin-numru: ART 630898 fejn l-Avukat Generali fl-Ewwel Kap ippremetta:

Illi fis-06 ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012), u fil-gimgħat u x-xhur ta' qabel din id-data, **Edward Artur Story** (minn hawn il-quddiem magħruf bħala "l-akkużat") **assoċja ruħu ma' nies oħrajn barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika gewwa l-Gzejjer Maltin madwar 859.5 grammi ta' droga eroina, b'purita medja ta' cirka 20.7%, u li kienet iggib il-valur ta' cirka €62,744, jew jippromovi, jikkostitwixxi, jorganizza jew jiffinanzja l-assocazzjoni;**

Illi fiz-zminijiet hawn fuq imsemmija, l-akkuzat ftiehem ma persuni ohra, fosthom Lucas, gewwa l-Olanda sabiex huwa ibiegh jew jittraffika ammont ta' droga eroina

gewwa l-Gzejjer Maltin u ta' dan l-akkuzat kellu jaqla' remunarazzjoni ta' madwar €3000 u kif ukoll appartament gewwa Rotterdam;

Illi l-akkuzat u dawn il-persuni l-ohra ftiehmu illi l-bejgh u t-traffikar gewwa l-Gzejjer Maltin kellu jsir billi, l-ewwel, l-akkuzat kellu jittiehed gewwa appartament f'Rotterdam fejn hemmhekk kellu jibla' numru ta' kapsoli kontenti d-droga eroina, liema droga giet provduta lilu mill-istess persuni li maghhom kien sar il-ftehim sabiex tinbiegh jew tigi ttraffikata d-droga gewwa dawn il-Gzejjer;

Illi l-akkuzat kellu jittiehed Dusseldorf nhar is-06 ta' Mejju 2012 fejn minn hemmekk kellu jirkeb fuq titjira tal-Airmalta KM397 diretta ghall-ajruport internazzjonali ta' Malta;

Illi mal-wasla tieghu f'dawn il-Gzejjer l-akkuzat kellu jmur jirrisjedi gewwa l-Europa Hotel fejn hemmhekk kellu joqghod jistenna minghand Lucas ghal struzzjonijiet ulterjuri;

Illi pero' hekk kif l-akkuzat wasal fl-ajruport internazzjonali ta' Malta, dan gie mwaqqaf minn PC 1348 Joseph Campbell u PS 1220 Chris Baldacchino fuq suspett illi dan kien qed igorr xi droga fuq il-persuna tieghu;

Illi l-akkuzat gie mittiehed minn dawn l-Ufficjali tal-Pulizija gewwa l-kwartieri generali tal-pulizija fejn hemmhekk l-akkuzat stess, minn jeddu, ammetta illi kien qed igorr fl-intern tiegħu xi kapsoli kontenti droga;

Illi ghalhekk l-akkuzat gie imbaghad mittiehed gewwa L-Isptar Mater Dei f'Malta sabiex dan ikun jista' jespella l-kapsoli kontenti droga minn gewwa l-intern tieghu;

Illi l-akkuzat kumplessivament ghadda tmienja u tmenin (88) kapsola kontenenti 859.5 grammi ta' droga eroina, b'purita medja ta' cirka 20.7%, u li kienet iggib il-valur ta' cirka €62,744;

Id-droga heroina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'għemilu, l-akkużat sar ħati talli assoċja ruhhu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta, jew barra minn Malta, sabiex ibiegħ, jew jitraffika, mediċina f'Malta, cioe' heroina, u dan kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti, ċirkostanzi, lok u żminijiet aktar il-fuq imsemmija f'dan l-att t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi Edward Artur Story talli fis-06 ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012), u fil-ġimgħat u x-xhur preċedenti, assoċja ruhhu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jitraffika mediċina f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni;

u jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro sebgħa u tletin ċenteżmi (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax -il elf erba' mija tmienja u sittin Euro sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22(A), 24A, u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għal-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ippremetta:

Illi fil-kuntest ta' ċirkostanzi u żmien imsemmi fl-ewwel kap ta' dan l-att t'akkuża u ċioe' fis-06 ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) u fil-ġimgħat u x-xhur preċedenti, waqt li kien fl-Olanda, l-akkużat ftiehem mal-persuni hawn fuq imsemmija ***illi kellu jkun hu illi kellu jimporta, jew igieghel li tigi importata, jew ghamel xi haga sabiex tigi importata, id-droga heroina gewwa l-Gzejjer Maltin;***

Illi kien fil-fatt l-akkuzat illi ingerixxa tmienja u tmenin (88) kapsola kontenti droga heroina gewwa l-appartament f'Rotterdam; kien hu li rikeb minn Dusseldorf fuq it-titjira tal-Airmalta KM397 diretta lejn l-ajruport internazzjonali ta' Malta; kien hu illi gie imwaqqaf mill-Ufficjali tal-Pulizija gewwa l-ajruport internazzjonali ta' Malta fuq suspett taghhom li qed igorr id-droga fuq il-persuna tieghu; kien hu illi ammetta mal-Ufficjali tal-Pulizija gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija illi kellu fl-intern tieghu numru ta' kapsoli kontenti droga; u kien hu ukoll illi espella tmienja u tmenin (88) kapsola kontenti droga heroina, b'purita medja ta' cirka 20.7%, u li kienet iggib il-valur ta' cirka €62,744, gewwa l-Isptar Mater Dei f'Malta;

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'għemilu l-imsemmi Artur Edward Story sar ħati talli importa, jew ġiegħel li tiġi importata, jew għamel xi ħaga biex tkun tista' tiġi importata, mediċina perikoluża (heroina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti, ċirkostanzi, lok u żminijiet hawn fuq imsemmija f'dan il-kap ta' dan l-att t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi Artur Edward story talli nhar is-06 ta' Mejju 2012 importa, jew ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa biex tkun tista' tiġi importata, mediċina perikoluża (heroina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

u jitlob illi jingħamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundanat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro sebgħa u tletin ċenteżmi (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf, erba' mija, tmienja u sittin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u, l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u, l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22(A), 24A, u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-

Mediċini Perikolużi u fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Generali fit-tielet Kap ippremetta:

Illi fil-kuntest ta' żmien, lok u ċirkostanzi indikati fl-ewwel u fit-tieni kap ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioè fis-06 ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012), l-akkużat Edward Artur Story, kellu fil-pussess tieghu tmienja u tmenin (88) kapsola kontenenti 859.5 grammi ta' droga heroina, b'purita medja ta' cirka 20.7%, u li kienet iggib il-valur ta' cirka €62,744, liema kapsoli kontenenti din id-droga instabu f'cirkostanzi li juru li ma kienux ghall-uzu esklussiv tieghu;

Illi fil-fatt l-intendiment tal-ftiehem li sar bejn l-akkuzat u l-persuni imsemmija hawn iktar 'l fuq ma kienx sabiex illi dawn it-859.5 gramma heroina jigu uzati jew jigu ikkunsmati mill-akkuzat personalment;

Id-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'għemilu l-imsemmi Edward Artur Story sar ħati talli ***kellu fil-pussess tiegħu d-droga heroina*** meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, ***liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.***

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, lok, fatti u żmien hawn fuq imsemmija f'dan il-kap t'akkuża, jakkuża

lill-imsemmi Edward Artur Story talli fis-06 ta' Mejju 2012 kellu fil-pussess tiegħu id-droga heroina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-licenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-uzu eskluzziv tiegħu;

u jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundanat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmi (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf, erba' mija, tmienja u sittin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u, l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u, l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22(A), 24A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat ir-rikors konguntiv tal-Avukat Generali u l-akkuzat Edward Arthur Sotry, pprezentat fis-seduta tas-16 ta' Dicembru, 2015 fejn l-esponenti, filwaqt li ddikjaraw li qablu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali, umilment talbu lil din il-Qorti li, fl-eventwalita' li jkun hemm ammisssjoni da parti tal-akkuzat Edward Arthur Story ghall-akkuzi migjuba kontrih, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqu minn din l-istess Onorabbli Qorti ghandha tkun wahda kumpessiva ta' prigunerija

effettiva ghal perjodu ta' disgha (9) snin flimkien ma' multa ta' tlieta u ghoxrin elf Ewro (€23,000) u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija, inkluz il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u propjeta' ohra kemm mobbli kif ukoll immobbli ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt is-seduta tas-16 ta' Dicembru, 2015, l-akkuzat Edward Arthur Story, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr illi huwa hati tar-reat kif dedotti kontrih.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba tieghu.

Issib lil akkuzat Edward Arthur Story, hati talli:

1. Fis-06 ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012), u fil-ġimgħat u x-xhur preċedenti, assoċja ruhhu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jitraffika mediċina f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni;

2. Nhar is-06 ta' Mejju 2012 importa, jew ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa biex tkun tista' tiġi importata, mediċina perikoluża (heroina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fis-06 ta' Mejju 2012 kellu fil-pussess tiegħu id-droga heroina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenza jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u

ma kienx b'xi mod ieħor bil-licenza mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-uzu eskluzziv tiegħu;

Ikkunsidrat,

Il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna taghmel ammissjoni bikrija huma imfissra fil-linji gwida imfassla fid-decizjonijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa" [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit);

Illi ghalkemm il-piena ghar-reat ammess mill-hati hija dik ta' ghomor il-habs, l-Artikolu 492(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi meta f'xi stadju qabel jigi ffurmat il-guri l-akkuzat jammetti l-htija tieghu w ghal fatt li jigi ammess mill-akkuzat ikun hemm stabbilita l-piena ghal prigunerija ghall-ghomor, il-Qorti tista', minflok il-piena msemmija, taghti l-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tmintax il-sena sa tletin sena. Illi imbaghad skont il-proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i)(aa) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta l-Qorti tkun tal-fehma li meta tqis l-eta' tal-hati, il-kondotta ta' qabel tal-hati , il-kwantita' tal-medicina w x-xorta w l-kwantita' tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat , il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, f'kazijiet bhal dawn il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal

zmien ta’mhux inqas minn erba’ snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta’ mhux inqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira.

Illi raguni ewlenija li ser twassal ghalhekk ghal mitigazzjoni fil-piena fir-rigward huwa il-fatt illi l-hati ammetta mill-bidunett ta’ dawn il-proceduri u ikkopera mal-pulizija fl-investigazzjonijiet minnhom kondotti.

Din il-Qorti ghaldaqstant tħoss li fil-każ ta’ Edward Arthur Story għandha taderixxi għat-talba konġuntiva magħmula skond l-artikolu 453A tal-Kodiċi Kriminali u għaldaqstant, wara li rat l-artikoli:

2, 9, 10(1), 12, 14, 15A, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22(A), 24A, u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodiċi Kriminali u r-regola 9 tar-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi.

Tikkundanna lil Edward Arthur Story ghal piena ta’ prigunerija ghal perjodu ta’ disa’ (9) snin flimkien ma’ multa ta’ tlieta u ghoxrin elf Ewro (€23,000).

Tordna illi hekk il-multa ma titħallasx puntwalment, tiġi kkonvertita f’ sena priġunerija ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Tikkundanna lil ħati ihallas is-somma ta’ elfejn, disgha mija u sitta u disghin Ewro u tmienja u sittin centeżmu (€2,996.68), rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f’dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-Assitent Registratur u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

(ft) Edwina Grima
Imhallef

Franklin Calleja
Deputat Registratur